# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Awissu, 2001**

**Numru**

**Cit. Nru. 338/99**

**Grima Communications Limited**

**vs**

**Awtorita' tax-Xandir**

**Ir-rikors promutur**

Is-socjeta' Grima Communications Limited ipprocediet bis-segwenti rikors kontra l-Awtorita' tax-Xandir li bih appellat direttament quddiem din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 16, sub-artikolu 5 et seq ta' l-Att Nru. XII ta' l-1991 u fih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka. thassar u tikkancella d-decizjoni ta' l-istess Awtorita' intimata li ma tirrinovax il-licenzja taghha li xxandar permezz ta' l-istazzjon Live FM Radio.

"Illi s-socjeta' appellanti applikat skond il-ligi ma' l-Awtorita' tax-Xandir sabiex tigi rinovata l-licenzja taghha ghall-istazzjon radjofoniku Live FM Radio;

Illi permezz ta' ittra datata 25 ta' Novembru, 1999, pero' li giet notifikata lis-socjeta' appellanti fit-12 ta' Dicembru, 1999 minhabba li d-diretturi kollha ta' l-istess socjeta' irritornaw lura Malta minn impenji fl-esteru precizament f'dik id-data, l-Awtorita' appellata rrifjutat din l-applikazzjoni ghar-rinovar tal-licenzja in kwistjoni;

Illi s-socjeta' appellanti hassitha ferm aggravata bid-decizjoni ta' l-Awtorita' intimata u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell ai termini ta' l-Artikolu 16 sub-artikolu 5 et seq. ta' l-Att numru 12 ta' l-1991 li jistabilixxi l-istess Awtorita' tax-Xandir u li jirregola dan is-settur tax-Xandir;

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fir-risposta taghha, l-Awtorita' appellata tghid dawn il-precizi kelmiet:

"The station in question has been off air since last January and since then no attempts were made on your Company's part (Grima Communications Limited) to resume broadcasting. Indeed once a broadcasting licence is awarded by the Authority one expects the station to maintain regular broadcasting".

Illi ghalkemm huwa l-funzjoni u r-responsabilita' ta' l-istess Awtorita' illi galadarba hija taghti licenzja, din tara li qed tintuza b'mod regolari u li l-operatur qed jaderixxi ma' l-obligi mposti fuqu f'tali licenzja, hawnhekk l-Awtorita' zgur li mhux qed tapprezza l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ma waqqfitx ix-xandir taghha b'kapricc, izda li kien hemm cirkostanzi illi tafhom sew l-istess Awtorita' appellata illi pparalizzaw u waqqfu lill-istess socjeta' milli tkompli topera kif del resto xtaqet tkompli taghmel;

Illi tant hu hekk illi meta kien hemm l-ewwel hruq tal-post minn fejn kienet topera s-socjeta' appellanti, u dan ma pparalizzax ghal kollox lis-socjeta' appellanti, din kompliet topera kif tista' sabiex tonora l-obbligi taghha taht il-licenzja taghha;

Illi mbaghad kien f'okkazzjoni sussegwenti meta rega' sar hruq ta' l-istess post minn fejn topera s-socjeta' appellanti li kien ferm aktar estensiv u danneggjanti illi l-istess socjeta' ma setghetx tibqa' topera;

Illi ghalhekk l-Awtorita' ghandha tapprezza illi dan il-waqfien da parti tas-socjeta' appellanti kien dovut b'mod assolut ghal cirkostanzi illi l-istess socjeta' ma kellhiex kontroll fuqhom;

Illi, in oltre, l-istess socjeta' appellanti mill-ewwel regghet rat kif ghamlet sabiex tirranga dak l-apparat u makkinarju li seta' jitranga u li tissostitwixxi dak l-apparat essenzjali iehor li kien spicca ghal kollox b'apparat gdid sabiex mill-aktar fis possibbli tkun f'posizzjoni illi terga' tibda topera;

Illi s-socjeta' appellanti wkoll bdiet tfittex rizorsi finanzjarji sabiex hi tkun tista'  tista' tibda topera mill-gdid b'mod regolari u sahansitra gew trasferiti flus personali tad-diretturi ta' l-imsemmija socjeta' fl-ammont ta' Lm38,000 fil-kont bankarju ta' din is-socjeta' sabiex jitnaqqas il-*commitment* taghha mal-bank;

Illi dawn il-proceduri hadu wkoll zmien konsiderevoli minhabba l-fatt illi t-trattativi mas-socjeta' ta' l-assikurazzjoni hadu fit-tul u s-socjeta' appellanti kellha bilfors tistenna illi dawn il-proceduri jintemmu qabel ma tibda terga' topera;

Illi  jekk wiehed ihares lejn il-linji gwida jew il-konsiderazzjonijiet illi fuqhom ghandha timxi l-Awtorita' appellata fil-hrug u r-rinovar ta' licenzji tax-xandir li jemergu mill-Artikolu 11 sub-artikolu 1 ta' l-Att numru 12 ta' l-1991, wiehed isib illi l-istess Awtorita' ghandha tkun fil-fatt favur il-liberta' ta' l-espressjoni manifestata fil-pluralita' ta' stazzjonjiet pubblici u privati bil-karattru partikolari taghom sabiex joholqu suq liberalizzat f'dan is-settur tat vitali u strumentali ghall-ambjent demokratiku f'pajjizna li joffri ghazla verament vasta u wiesgha lis-semmiegh Malti.

Illi l-istess ligi issostni wkoll li l-Awtorita' tax-Xandir bhala r-regolatur f'dan is-settur ghandha tkun favur il-proliferazzjoni ta' aktar stazzjonijiet, fil-kaz in disamina radjofonici, u kontra xi monopolju ta' stazzjon wiehed jew xi grupp ta' stazzjonijiet;

Illi jekk wiehed janalizza l-hsieb wara din il-ligi u r-ratio legis taghha wiehed isib li l-iskop ewlieni kien li f'Malta  jigi liberalizzat is-suq tax-xandir b'tali mod u manjiera li barra l-istazzjonijiet pubblici jinghata spazju ampju lill-inizjattivi privati f'dan is-settur, bhas-socjeta' appellanti;

Illi kien fil-fatt ghal dan l-iskop illi giet stabbilita l-Awtorita' tax-Xandir bhala regolatur f'suq liberalizzat li hija sa certu punt distinta u indipendenti mill-Gvern li fis-settur tax-Xandir huwa proprjetarju u operatur ta' diversi stazzjonijiet tax-xandir, kif ukoll mill-privat.

Illi din il-legislazzjoni tirrifletti dak li kien gara zmien qabel il-maggoranza tal-pajjizi Ewropej, jigifieri l-liberalizzazzjoni tas-suq tax-xandir li ma baqax monopolju ta' l-Istat izda sar ta' kulhadd.

Illi fil-fatt l-iskop u l-funzjoni tar-regolatur bhall-Awtorita' tax-Xandir kellu jkun wiehed mibni fuq mudelli ta' regolaturi Ewropej, fis-sens li jkun wiehed mhux ta' kontroll assolut u dirett fuq dan is-settur, izda rwol pro-attiv illi ghalkemm jirregola jinkoraggixxi inizjattivi privati f'dan is-settur u mhux johnoq l-inizjattiva u jindahal fl-operazzjonijiet ta' dawn l-istazzjonijiet.

Illi ghalhekk jekk wiehed janalizza l-iskop ewlieni ta' din il-ligi fl-isfond ta' l-izviluppi li kien ilhom li graw f'pajjizi ohra Ewropej, wiehed jasal ghall-konkluzzjoni illi l-irwol tar-regolatur f'dan is-settur kellu jkun wiehed ta' '*regulation by exception'* jew "*regulation by default",* jigifieri li kemm jista' jkun ir-regolatur jiffavorixxi suq hieles u liberalizzat billi jaghmilha facli ghall-operaturi li jidhlu fis-suq, izda, min-naha l-ohra jaccerta ruhu illi l-obbligi mposti fl-istess licenzjajigu onorati mill-istess operaturi. Dan kien l-iskop ta' din il-ligi, li del resto anticipa dak li mbaghad gara lokalment fis-settur tat-telekommunikazzjoni in generali li permezz ta' l-Att numru 33 ta' l-1997 gie stabbilit ukoll regolaturghal dan is-settur, precizament ir-Regolatur tat-Telekommunikazzjoni.

Illi s-socjeta appellanti taghmel ukoll ampja riferenza ghall-kriterji li telenka l-istess Ligi dwar ix-Xandir, fl-Artikolu 13 sub-artikolu 2 fejn l-Awtorita' appellata ghandha tkun sodisfatta li jigu mharsa certa kondizzjonijiet mill-operaturi. Minn dawn il-kriterji jidher illi fir-risposta ta' l-Awtorita' appellata datata 25 ta' Novembru, 1999, li s-socjeta' appellanti mxiet ma' dawn il-kriterji u m'ghamlet xejn li del resto jiddistingwiha minn stazzjonijiet radjofonici ohrajn. Ghalhekk is-socjeta' appellanti dejjem issodisfat dawn il-kriterji, tant li l-istess Awtorita' appellata lanqas taghmel accenn ghalihom fir-risposta taghha.

Illi inoltre, is-socjeta' appellanti rikorrenti thoss illi, per ezempju, rigward imparzjalita' fejn jidhlu kwistjonijiet ta' kontroversja politika, hija kienet ferm aktar imparzjali minn stazzjonijiet ohra;

Illi r-risposta ta' l-Awtorita' appellata issemmi l-potenzjalita' u l-viabilita' ekonomika tas-socjeta' appellanti u jidher illi hi taghmilha

l-konsiderazzjoni principali taghha sabiex tiggustifika d-decizjoni taghha li tirrifjuta illi tirrinova l-licenzja taghha.

Illi fil-fatt l-istess Att dwar ix-Xandir, precisament fl-Artikolu 11 sub-artikolu 2(a), jipprovdi illi l-Awtorita' ghandha b'mod specifiku tikkonsidra l-potenzjal ekonomiku u viabilita' ta' l-operatur, li fil-kaz in disamina hija s-socjeta' appellanti.

Illi s-socjeta' appellanti tirrespingi bil-qawwa kollha illi l-posizzjoni finanzjarja taghha hija wahda prekarja u del resto tant differenti minn dik ta' operaturi ohra fl-istess suq u li hija mhix attrezzata b'dak il-makkinarju adegwat u necessarju sabiex hija tibda topera mill-gdid.

Illi s-socjeta' appellanti ghandha minn fejn topera, kif ukoll ghandha proprjeta' u assi bizzejjed u sufficjenti sabiex tiggarantixxi d-debiti li ghandha jew li jista' jkollha s-socjeta' Grima Communications Company Limited u lesta tipprova dan permezz ta' dokumentazzjoni tul dawn il-proceduri u quddiem din l-istess Onorabbli Qorti.

Illi huwa minnu li l-flus moghtija mis-socjeta' ta' l-assikurazzjoni sabiex jikkumpensa ghad-danni li sofriet s-socjeta' appellanti ma marrux ghand Grima Communications Company Limited, izda ghand il-kredituri taghha, li din kienet xi haga li s-socjeta' appellanti giet komunikata lilha dan l-ahhar.

Illi nonostante dan kollu s-socjeta' appellanti xorta sabet mezzi finanzjarji sabiex tkun f'posizzjoni li tista' topera galadarba tinghatalha l-licenzja minghand l-Awtorita' appellata;

Illi r-raguni li tat l-Awtorita' appellata illi s-socjeta' appellanti m'ghandhiex l-apparat necessarju u sufficjenti sabiex tkun tista' tibda topera regolarment, is-socjeta' appellanti tirribatti dan kollu bil-qawwa kollha u lesta fil-fatt tipprova li hija attrezzata b'dak l-apparat kollu mehtieg u li del resto huwa apparat mill-aktar modern u li bejn wiehed u iehor huwa l-istess apparat jew fil-fatt apparat superjuri minn dak li jahdmu bih operaturi ohra licenzjati f'dan is-settur.

Illi l-ahhar raguni li taghti l-Awtorita' appellata fir-risposta taghha hija s-segwenti:-

*"Moreover the station's past track record is not one which conforms with the Authority's policy on renewal of broadcasting*

*licences in so far as the station has several times failed to comply with the Authority's directives issued in terms of law".*

Illi l-Awtorita' appellata fil-fatt tieqaf hawn u lanqas tindenja ruhha ssemmi kaz wiehed fejn is-socjeta' appellanti ghamlet dan u rriferiet ghal xi ksur ta' xi obbligi mposti fuqha fil-licenzja taghha.

Illi s-socjeta' appellanti tirribatti dan kollu bil-qawwa kollha tant li hi stess tirreferi ghal kaz wiehed u izolat fejn giet sospiza l-licenzja taghha u fejn wara ftit zmien kollox gie sanat u s-socjeta' rikorrenti baqghet topera b'mod regolari;

Illi fil-fatt it-*track record* li kellu l-istazzjoni Live FM immexxi mis-socjeta' appellanti huwa wiehed li dan l-istazzjoni radjofoniku kien akkwista certa *goodwill* ghall-mod kif jipprezenta l-prodott tieghu, specjalment fir-rigward ta' analizi ta' *issues* rikorrenti fil-pajjiz, b'mod indipendenti u imparzjali tant li hawn stennija kbira min-naha tal-pubbliku li l-imsemmi stazzjon jerga' jibda jopera;

Illi s-socjeta' appellanti thoss illi, ai termini ta' l-Artikolu 11 sub-artikolu 3 ta' l-Att 12 ta' l-1991, id-decizjoni ta' l-Awtorita' appellata hija wahda irragonevoli ghall-ahhar, kif ukoll diskriminatorja fil-konfront taghha;

Illi l-principju tar-ragjonevolezza li huwa principju stabbilt fid-dritt amministrattiv Anglo-Sassonu li ilu li gie mpurtat u inkorporat fis-sistema legali Maltija u wzat b'mod mill-aktar frekwenti meta l-qrati ordinarji taghna jigu mitluba jissindikaw id-decizjonjiet ta' korpi jew entitajiet amministrattivi bhal ma hija l-Awtorita' appellata;

Illi dan il-kuncett legali ilu li gie stabbilt fid-dritt amministrattiv Ingliz mill-ahhar snin tas-seklu sittax fejn fil-famuz *Rooke's Case (1958)* (Vide Administrative Law by H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – Seventh Edition – Oxford Publications pagina 387 et seq.), l-Imhallef Coke sostna:

*"………… And notwithstanding the words of the comission give authority to the commissioners to do according to their discretions, yet their proceedings ought to be limited and bound with the rule of reason and law. For discretion is a science or understanding to discern between falsity and truth, between wrong and right, between shadows and substance, between equity and colourable glosses and pretences, and not to do according to their wills and private affections; for as one saith, talis discretio discretionem confundit;*

Illi s-socjeta' appellanti taghmel ampja riferenza ghall-kaz Ingliz Congreve kontra Home Office (1976) (Vide Administrative Law by H.W.R. Wade & C.F. Forsyth – Seventh Edition – Oxford Publications pagina 398 et seq.) fejn kien precizament jittratta r-revoka ta' licenzja tax-xandir u fejn il-Qorti ta' l-Appell presjeduta minn Lord Denning qalet is-segwenti:

*"But when the licensee has done nothing wrong at all, I do not think the Minister can lawfully revoke the licence, at any rate, not without offering him his money back, and not even then except for good cause. If he should revoke it without giving reasons, or for no good reason, the courts can set aside his revocation and restore the licence. It would be a misuse of power conferred on him by Parliament; and these courts have the authority - and I would add, the duty – to correct a misuse of power by a minister of his department, no matter how much he may resent it or warn us of the consequences if we do";*

Illi meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha wiehed jasal ghall-konkluzzjoni illi d-decizjoni ta' l-Awtorita' appellata kienet wahda irragjonevoli u sproporzjonata fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

Illi jekk kien hemm xi biza' min-naha ta' l-Awtorita' appellata illi s-socejta' appellanti ma kienetx se tonora xi kondizzjoni fil-licenzja taghha, l-Awtorita' setghet facilment talbet ghall-aktar informazzjoni, kif ukoll setghet ukoll titlob lis-socjeta' appellanti illi taghmel xi tibdil fl-operazzjonijiet taghha jew taghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex taghti l-garanziji necessarji lill-Awtorita' appellata, u mhux taqbad u ma tirrinovax il-licenzja tax-xandir tas-socjeta' appellanti;

Illi d-decizjoni ta' l-Awtorita' intimata hija wahda diskriminatorja fil-konfront tas-socjeta' appellanti minhabba l-fatt li l-Awtorita' qed titlob minnha hwejjeg illi l-operaturi l-ohra fis-settur tar-radjofonija lanqas qatt ma ntalbu sabiex jaderixxu ruhhom maghhom;

Illi in oltre, l-ebda stazzjoni radjofoniku s'issa ma kellu problema analoga ghal dik tas-socjeta' appellanti, fis-sens illi ssubixxa hruq ghal darbtejn konsekuttivi u gie danneggjat l-apparat u l-makkinarju kollu relattiv;

Illi anke l-garanziji finanzjarji mitluba mis-socjeta' appellanti mill-Awtorita' appellata huma eccessivi u ezorbitanti meta kkomparati ma' dawk mitluba minn operaturi ohra;

Illi fil-kaz ta' l-apparat u l-makkinarju li ghandha s-socjeta' appellanti huwa bejn wiehed u iehor dak li ghandu kull operatur radjofoniku iehor u li qeghdin joperaw bih sallum u fil-fatt jaghti l-istess kwalita' ta' servizz li jaghti kull operatur radjofoniku iehor;

Illi finalment anke fejn jidhol it-*track-record* li ghandha s-socjeta' appellant, dan jirrifletti biss kwistjonijiet li jkollu kull operatur ma' l-Awtorita' appellata u xejn aktar li jiddistingwi s-socjeta' appellanti minn operaturi ohra;

Illi fil-fatt kien hemm kazijiet fil-passat fejn stazzjonijiet radjofonici ohra kisru l-obbligi mposti fuqhom fil-licenzja taghhom b'mod mill-aktar flagranti u fejn l-Awtorita' hasset illi kien opportun li taghtihom biss *warning* jew inkella li tinflingi multi zghar hafna u mhux li tiehu mizura daqshekk drastika illi ma tirrinovax il-licenzja taghhom;

Ghaldaqstant s-socjeta' rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tikkancella d-decizjoni ta' l-Awtorita' intimata u tirrinova l-licenzja tas-socjeta' rikorrenti u dan taht il-provvedimenti kollha li hi jidhrilha xierqa u opportuni".

**<u>Ir-risposta</u>**

L-Awtorita intimata hekk irrispondiet ghar-rikors promotur.

"Fl-ewwel lok, in-nullita' ta' l-appell billi a tenur ta' l-artikoli (3) u 16 (5) ta' l-Att dar ix-Xandir dan jinsab prezentat fuori termine stante li gie pprezentat aktar tard minn hmistax-il gurnata wara li ttiehdet id-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-24 ta' Novembru, 1999, u li giet ikkomunikata lill-kumpanija b'ittra tac-Chief Executive ta' l-Awtorita' tax-Xandir datata 25 ta' Novembru, 1999. Dan hu ammess fl-istess rikors ta' l-appell u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tittratta din l-eccezzjoni qabel ma tghaddi biex tisma' l-mertu ta' dan l-appell;

Fit-tieni lok, l-appell huwa rritwali billi fih innifsu ma jissodisfax l-estremi ta' l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar ix-Xandir billi dan allegat ma jammontax ghal decizjoni rragonevoli, sproporzjonata jew diskriminatorja;

Fit-tielet lok, dak li ddecidiet l-Awtorita' jaqa' fil-manzjonijiet u diskrezzjoni esklussiva taghha u ma jezisti l-ebda fattur fuq il-bazi ta' liema dik l-diskrezzjoni ghandha tigi sindakata;

Fir-raba lok, li d-decizjoni ta' l-Awtorita' kienet gusta, skond il-ligi u timmerita li tigi kkonfermata. F'dan il-kuntest jigi rilevat is-segwenti:

1. L-Awtorita' tichad dak allegat fir-rikors; id-decizjoni taghha kienet fl-ambitu tad-diskrezzoni koncess mil-ligi lilha liema diskrezzjoni giet uzata b'mod ragonevoli u prudenti minghajr ebda diskriminazzjoni indebita. Kull ma ghamlet l-Awtorita' f'dan il-kaz kienet li applikat il-policy taghha stess dwar it-tigdid tal-licenzji ghall-applikazzjoni ta' tigdid li kellha quddiemha. L-informazzjoni sottomessa mill-appellant ma kienetx wahda li l-Awtorita' hasset li tissodisfa r-rekwiziti ta' din il-policy li ghandha s-sors taghha fl-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir.

2. Id-decizjoni ta' l-Awtorita' ma kienetx lanqas diskriminatorja; ma jistax isir paragun bejn din l-applikazzjoni ta' tigdid inkwantu li l-applikazzjonijiet ta' tigdid l-ohra li nghataw issodisfaw il-policy ta' l-Awtorita'. Dan ma kienx il-kaz ta' l-appellant odjern u huwa naqas li jindika l-kazijiet ta' trattament divers moghti mill-Awtorita' fil-konfront ta' stazzjonijiet ohra.

3. Illi l-istazzjoni in kwistjoni ilu minn Jannar li ghadda – ghal kwazi sena – wieqaf. L-Awtorita' kienet taghtu licenzja biex jittrasmetti u minkejja li kien intalab jinforma lill-Awtorita' b'data li fiha l-istazzjon kien ser jibda jxandar l-appellant kien dejjem evaziv u qatt ma ried jintrabat b'data. Peress li l-frekwenza li ghandu Live FM hija *rare commodity*, l-Awtorita' trid tassigura ruhha li l-obbligu primarju tal-licenzja – dak li l-istazzjon ixandar – jigi milhuq. Filwaqt li l-Awtorita' tissimpatizza ma' l-appellant dwar l-incendju li kellu fl-istazzjon f'Jannar, 1999, huwa ma uzax id-diligenza xierqa biex jerga' jibda jittrasmetti billi ha dawk il-passi necessarji biex fi zmien qasir jerga' jibda jxandar.

4. Meta l-Awtorita' kkunsidrat l-applikazzjoni ghal tigdid hija kkunsidrat l-operat ta' l-istazzjon fil-passat u l-qaghda finanzjarja ta' l-istazzjon. Mir-rapporti finanzjarji sottomessi mill-istess appellant lill-Awtorita' jidher li l-qaghda finanzjarja tal-kumpanija Grima Communications Ltd. hi wahda prekarja u ma tidhirx li ser tkun f'pozizzjoni li tonora

l-obbligi finanzjarji mposti fuqha bil-ligi. Terga' l-appellant ghadu ma pprovax li ghandu mezzi finanzjarji biex jopera l-istazzjon.

5. Dwar il-motivazzjon tad-decizjoni li hadet l-Awtorita', bizzejjed jissemmew hawnhekk xi nuqqasijiet ta' l-istazzjon in kwistjoni li jivvjolaw xi dispozizzjoni tal-ligi. Waqt spezzjoni li saret fit-13 ta' Novembru, 1998, irrizulta li d-*delay mechanism* li hu mport bil-ligi ma kienx qed jopera; li l-istazzjon ripetutament kien jonqos milli jhallas il-licenzja fiz-zmien, li jibghat l-iskeda tal-programmi fiz-zmien u jibghat l-informazzjoni mitluba mill-Awtorita' fiz-zmien; l-istazzjon ma kellux skeda fissa u din kienet tinbidel mil-lum ghal ghada; sar trasferiment ta' l-ishma tal-kumpanija minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita'; kien jithalla jintuza kliem li jmur kontra l-artiklu 13 (2) (a) ta' l-Att dwar ix-Xandir; naqas ghal xi zmien li jittrasmetti l-ahbarijiet bi ksur tal-*Promise of Performance* impost fil-licenzja; naqas li jhallas id-dritt ta' Lm1,000 ghall-uzu tal-Master Antenna tant li l-Awtorita' kellha tiskonnettja l-istazzjon mili-Master Antenna. Dawn huma biss uhud mir-ragunijiet li fuqhom l-Awtorita' hadet id-decizjoni taghha biex ma ggedditx il-licenzja. Ghalhekk, il-kazistika tal-Qrati Ingliza citati fl-appell mhix applikabbli ghal dan l-appell ghax certament ma jistax jinghad li "*the licensee has done nothing wrong at all*". Altru minn hekk!"

**Preliminari**

Fl-ewwel seduta tat-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-Awtorita' intimata irrinzunzjat ghall-eccezzjoni li l-appell sar fuori termine u r-rikors beda jinstema' fil-mertu. Il-partijiet allura pproducew il-provi in sostenn tat-tezijiet rispettivi taghhom kif elaborati fir-rikors promutur u fir-risposta, u ttrattaw estensivament, anke permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet u repliki, il-punti ta' fatt u ta' dritt involuti. Tentattivi biex il-vertenza tigi komposta barra mill-Qorti kellhom ezitu negattiv.

## Konsiderazzjonijiet generali

Jigu qabel xejn definiti l-parametri bazici fattwali li fihom kellha tigi nkwadrata u kellha tibqa' arginata l-vertenza. Dawn jemergu mill-atti u ma jidhirx li jista' jkun hemm kontestazzjoni dwarhom fis-sustanza. Hu stabbilit u provat, ukoll minn korrispondenza kopjuza sottomessa ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti bhala prova, illi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti jirrisali u jorigina mill-fatt li fl-1991 l-Awtorita' intimata, b'ezercizzju tal-kompetenza taghha bhala regolatur tal-qasam tax-xandir fil-pajjiz, harget numru ta' licenzji ghax-xandir bir-radju li kellhom perjodu ta' validita' ta' 8 snin, fosthom dik mahruga lis-socjeta' rikorrenti Grima Communicatins Ltd. Dawn il-licenzji gew mahruga mill-Awtorita intimata, kostituzzjonalment eretta, konformement mal-ligijiet li fihom hi kienet obbligata li tezercita l-funzjonijiet u d-diskrezzjoni taghha, kif lilha moghtija fl-Att Nru. XII ta' l-1991. Effettivament is-subinciz 2 ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi l-funzjoni ta' l-Awtorita' dwar ix-Xandir, kif stabbilita fl-artiklu 1 ta' dak l-artikolu, kienet bla hsara ghal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-ohra li jistghu jigu moghtija lilha b'xi ligi li tkun dak iz-zmien issehh f'Malta.

Il-mertu ta' din il-vertenza nfatti ma kienx jolqot il-funzjoni principali ta' l-Awtorita' tax-Xandir kif stabbilita' fis-subinciz 1 ta' l-artikolu 119, dik cioe' li tizgura li sa fejn ikun possibbli f'dawk is-servizzi ta' xandir, ta'

smiegh u ta' televizjoni li jistghu ikunu provduti f'Malta, tigi mizmuma imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali, jew li jirriferixxu ghall-policy pubblika korrenti, u li l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti. Fil-kaz taht ezami l-Qorti trid tivverifika jekk fil-qadi tal-funzjonijiet u dmirijiet lilha fdati bl-Att Nru. XII ta' l-1991, l-Awtorita' kienetx jew le ezercitat il-poteri diskrezzjonali taghha b'mod xieraq. Verifika din li indubbjment tispetta u tikkompeti lill-qrati ordinarji. Infatti s-subinciz 8 ta' l-artikolu 118 ta' l-istess Kostituzzjoni ta' Malta hekk biss jiddisponi "Fl-ezercizzjui tal-kariga taghha skond l-artikolu 119 (1) ta' din il-Kostituzzjoni, l-Awtorita' dwar ix-Xandir m'ghandhiex tkun soggetta ghal direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita' ohra".

Hu car illi l-Kostituzzjoni testendi l-protezzjoni ta' awtonomija shiha lill-Awtorita' tax-Xandir fl-ezercizzju tal-kariga taghha biss ghal dak li hi l-funzjoni principali taghha kif stabbilita fis-subinciz 1 ta' l-artikolu 119 appena citat, dwar li tigi zgurata l-imparzjalita' xierqa u taqsim xieraq ta' facilitajiet u hin f'certu cirkostanzi. Protezzjoni pero' li ma hiex estiza lill-Awtorita' meta din tezercita xi funzjoni jew dmir iehor li jista' jigi moghti lilha b'xi ligi minn zmien ghal zmien.

Dan apparti, hu risaput li anke fir-rigward ta' l-ezercizzju tal-funzjoni principali taghha kif stabbilita fis-subinciz 1 ta' l-artikolu 119, il-Qorti

Kostituzzjonali rriteniet diversi drabi illi ghalkemm fl-ezercizzju ta' dik il-funzjoni l-Awtorita' tax-Xandir ma kienet soggetta ghall-kontroll ta' l-ebda persuna jew awtorita' ohra, l-istess Qorti kella l-poter anke f'dan li tivverifika jekk l-ezericizzju tad-diskrezzjoni lilha konferita bil-Kostituzzjoni jew bil-Ligi l-Awtorita' kienetx hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha rilevanti u mehtiega biex tifforma l-gudizzju taghha biex tkun f'posizzjoni li sewwa tezercita d-diskrezzjni lilha moghtija b'mod esklusiv. (Ara "Dominic Mintoff noe vs. Onor. Imhallef A. Montanaro Gauci" deciza minn dik il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 1971).

Ma kien hemm allura l-ebda ostakolu ta' natura kostituzzjonali li jillimita lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni shiha tal-mertu propost quddiemha u li tiddeciedi dwaru. Mertu li kien regolat mil-ligi specjali li bis-sahha taghha l-Awtorita intimata ezercitat il-funzjonijiet diskrezzjonali taghha.

**<u>L-isfond fattwali</u>**

Kif inghad, il-licenzji mahruga fl-1991 mill-Awtorita' intimata, ghal xandir bir-radju. fosthom dik tas-socjeta' rikorrenti, kellhom terminu ta' tmien snin. Fl-1998 l-Awtorita' bdiet tiddiskuti l-procedura li kellha tigi applikata kull meta detentur ta' licenzja japplika ghat-tigdid taghha, sew fil-kaz ta' radju, sew fil-kaz ta' televizjoni. Il-procedura giet stabbilita u

pubblikata ghall-informazzjoni ta' min kien interessat fir-rapport annwali taghha ta' l-1999. F'Novembru ta' dik is-sena skadew l-ewwel tlett licenzji tar-radju li kienu nhargu mill-Awtorita', u cioe' dawk tal-Live FM, Bay Radio u Island Sound, u ftit qabel l-Awtorita' intimata kienet bdiet il-proceduri sabiex iggedded dawn it-tlett licenzji wara li saret it-talba ghal dan il-fini kif stabbilit fil-ligi.

> "Fil-kaz ta' Live FM dawn kienu jinkludu ittra datata 28 ta' April, 1999 mic-Chief Executive ta' l-Awtorita' lil Grima Communications Ltd. Fejn dawn ta' l-ahhar kienu mgharrfa li l-licenzja taghhom kienet se tiskadi fis-6 ta' Novembru, 1999 u kien hemm il-htiega li ssir applikazzjoni ghat-tigdid tal-licenzja sa mhux aktar tard mis-6 ta' Awissu, 1999.
>
> L-Awtorita' talbiet lit-3 stazzjonijiet koncernati 2 tipi ta' informazzjoni:
>
> (a) informazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja ta' l-istazzjon; u
> (b) informazzjoni dwar l-iskeda ta' programmi taghhom.
>
> Fil-kaz ta' Live FM l-Awtorita' talbet ukoll informazzjoni ta' natura teknika li kienet tikkoncerna t-taghmir li kien se jintuza fl-istudio u fl-istazzjon sabiex Live FM ikun jista' jittrasmetti permezz tat-transmitter fil-Gharghur. Dan sar minhabba l-fatt li l-informazzjoni li kellha l-Awtorita' kienet illi "most of our equipment has gone" kif jirrizulta minn ittra datata 21 ta' Mejju, 1999 (ara Dok JP1 ma l-affidavit tac-Chairman ta' l-Awtorita' tax-Xandir, hawn izjed 'il quddiem imsejjah "l-affidavit tac-Chairman"), liema equipment jirrizulta, skond ittra ohra tas-Sur Joe Grima datata 10 ta' Frar, 1999, li huwa indispensabbli ghall-operat ta' l-istess stazzjon:
>
> "As you know our station relies on technology not human resources" (ara 'dok JP2' ma' l-affidavit tac-Chairman).
>
> Fit-28 ta' Lulju, 1999, is-Sur Grima nforma lill-Awtorita' bl-intenzjoni tieghu li jitlob lill-Awtorita' tikkonsidra t-tigdid tal-licenzja ta' Life FM,

> Fit-2 ta' Awissu, 1999, l-Awtorita' talbet lis-Sur Grima l-informazzjoni li kellha bzonn biex tipprocessa t-talba tieghu ghat-tigdid ta' licenzja kif ukoll id-data ta' meta kien bi hsiebu jerga' jibda jittrasmetti.
>
> L-applikazzjoni giet ipprocessata fuq il-merti taghha u fil-25 ta' Novembru, 1999, l-Awtorita' cahdet it-talba ghat-tigdid tal-licenzja. Ir-ragunijiet ghar-rifjut gew ikkomunikati lis-Sur Joe Grima permezz ta' ittra that il-firma tac-Chief Executive ta' l-Awtorita' datata 25 ta' Novembru, 1999".

**<u>Il-qofol tal-vertenza</u>**

Il-qofol tal-vertenza jemergi mill-konsiderazzjoni dwar kemm kienu sostenibbli r-ragunijiet li wasslu lill-Awtorita' ntimata biex tirrifjuta t-talba tas-socjeta' rikorrenti biex il-licenzja taghha tigi mgedda. L-attenzjoni ta' din il-Qorti kellha allura tkun iffokata fuq ezami tal-motivazzjoni li dikjaratament wasslet lill-Awtorita' intimata biex tichad it-talba ghar-renova ta' licenzja fil-mument meta cahditha. Fil-verita' l-Awtorita' tuza fil-korrispondenza u wkoll fis-sottomissjonijet quddiem din il-Qorti it-terminu "gdid". Dan ma hux teknikament korrett inkwantu s-subinciz 11 ta' l-artikolu 10 ta' l-Att XII ta' 1991 jipprovdi ghal opportunita' ta' applikazzjoni lill-Awtorita' mid-detentur ta' licenzja li tkun waslet biex tiskadi "ghal licenzja ohra" u mhux ghal tigdid ta' l-istess licenzja li tkun vigenti. Distinzjoni li tista', prima facie, tidher ta' ftit rilevanza imma li, effettivament, ghandha kontenut legali ta' sustanza, kif jidher mill-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Bizzejjed jinghad f'dan l-istadju li applikazzjoni ghal <u>licenzja gdida</u> tkun

timporta ezami mill-gdid tac-cirkostanzi kollha vigenti f'dak il-mument meta tigi meqjusa t-talba u l-Awtorita' kellha allura tikkonsidra jekk dik it-talba kienetx tissodisfa l-konsiderazzjonijiet kollha li fuqhom kellha timxi fil-hrug ta' kull licenzja tax-xandir, filwaqt li tigdid ta' licenzja vigenti kienet tippresupponi li detentur kellu licenzja in corso li kienet gia prima facie tissodisfa dawk il-konsiderazzjonijiet, u l-Awtorita' kellha biss tiddetermina jekk kienx hemm xi raguni li tiggustifika li tali licenzja ma tigix imgedda.

**Ir-rifjut tat-talba tas-socjeta' rikorrenti**

Kif inghad din il-Qorti kellha tillimita ruhha ghal verifika tar-ragunijiet li wasslu lill-Awtorita' intimata biex tichad "it-talba ghat-tigdid ta' licenzja". Dawn kienu espressi f'ittra li l-Awtorita' baghtet lis-socjeta' rikorrenti u li kienet hekk tispecifika ghaliex it-talba kienet giet michuda.

> 1. "The station in question has been off air since January and since then no attempts were made on your Company's part to resume broadcasting. Indeed once a broadcasting licence is awarded by the Authority one expects the station to maintain regular broadcasting.
>
> 2. The financial position of the Company does not auger well for the station's future: the immovable property cited in your accountant's letter dated 15 November, 1999, does not belong to Grima Communications Company Limited but to Mr. and Mrs. Grima; the Architect's 1996 estimate of the premises is outdated and does not take into consideration the effects of the arson attack on the immovable property in question; the proceeds from

> the insurance claim will not be settled in favour of the Company but in favour of creditors; the station does not have any broadcasting equipment and is not in a position to broadcast; no information has been given regarding the equipment to be used if the licence is awarded; the number of employees is not even provided.
>
> 3. Moreover, the station's past track record is not one which conforms with the Authority's policy on renewal of broadcasting licences in so far as the station has several times failed to comply with the Authority's directives issued in terms of law".

Is-socjeta' rikorrenti qeghda tikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorita' intimat kif motivata, bhala "irragonevoli u sproporzjonata fil-konfront taghha", u wkoll bhala wahda diskriminatorja nkwantu l-Awtorita' kienet qed titlob minn ghandha hwejjeg illi l-operaturi l-ohra fis-settur tar-radjofonija lanqas qatt ma ntalbu sabiex jaderixxu maghhom. In sintesi allura s-socjeta' rikorrenti tallega li l-ezercizzju diskrezzjonali lilha konferit fl-Att XII ta' l-1991 kien gie malament ezercitat u kellu jigi gudizzjarjament mistharreg.

**<u>Il-ligi applikabbli</u>**

Kif diga' fuq accennat, din il-Qorti hi certament kompetenti biex tissindika l-operat ta' l-Awtorita' fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha taht il-ligi in ezami. Dan johrog car qabel xejn mis-subinciz 10 ta' l-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li "ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li xi persuna jew awtorita' ma tkunx soggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorita' ohra fl-ezercizzju ta'

xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni m'ghandha tiftiehem bhala li tipprekludi Qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew Awtorita' tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra".

Il-funzjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir illi tikkonsidra talba ta' detentur ta' licenzja li tkun ser tiskadi ghall-hrug ta' licenzja ohra, tohrog mis-subinciz 11 ta' l-artikolu 10 ta' l-Att XII ta' l-1991. Dan jiddisponi:- "Licenzja tax-Xandir, sakemm din ma tkunx giet qabel revokata mill-Awtorita', ghandha tkompli fis-sehh ghal dak il-perijodu li jista' jigi specifikat fil-licenzja sakemm dak il-perjodu ma jkunx jaqbez it-tmien snin (kif kienet dik taht ezami). Izda detentur ta' licenzja jista', mhux aktar kmieni minn sena qabel l-iskadenza ta' licenzja, japplika ghal licenzja ohra u dik il-licenzja m'ghandhiex tincahad minghajr raguni valida".

Is-subinciz 3 ta' l-artikolu 11 mbaghad, li jittratta dwar il-konsiderazzjonijiet li fuqhom kellha timxi l-Awtorita' fil-hrug ta' licenzja tax-Xandir, jistipula espressament illi "applikant li l-applikazzjoni tieghu tigi rifjutata, u li jidhirlu li l-Awtorita' ma agixxietx skond ir-regoli tal-gustizzja naturali, jew li agixxiet b'manjiera grossolanament irragonevoli, jew li ddiskriminat minghajr raguni kontra tieghu, jew li l-applikazzjoni tieghu tkun ilha pendenti ghal mill-anqas erba' xhur, jista' jappella kontra

din id-decizjoni jew dewmien fil-Qorti ta' l-Appell" skond il-proceduri stabbiliti fl-istess Att. Il-jedd tas-socjeta' rikorrenti li tagixxi ghar-ridress quddiem din il-Qorti biex tissindika l-operat ta' l-Awtorita' fil-kaz that ezami, hu allura statutorjament moghti ex lege. Dana b'disposizzjoni li espressament tiddefinixxi u allura tillimita c-cirkostanzi li fihom tali appell seta' jigi ntavolat u sostnut. L-istharrig gudizzjarju ta' l-operat ta' l-Awtorita' in konsiderazzjoni ta' l-applikazzjonijiet ghall-hrug ta' licenzji kien allura regolat b'din id-disposizzjoni espressa tal-ligi specjali.

Mid-disposizzjonijiet taht ezami applikabbli ghall-kaz il-Qorti tislet dawn l-elementi ta' dritt li kellha tikkonsidra qabel ma tikkonduci l-ezami tac-cirkostanzi fattwali li wasslu lill-Awtorita' biex tirrifjuta l-applikazzjoni ghall-ghoti ta' licenzja mill-gdid. Tqis is-segwenti:-

a) Is-subinciz 11 ta' l-artikolu 10 ta' l-Att XII ta' 1991 jesigi li t-talba ghal-licenzja ohra ma kellhiex tigi michuda "minghajr raguni valida". Il-kelma "valida" f'dan il-kontest kellha tigi sewwa valorizzata. Kjarament ma kienx bizzejjed li l-Awtorita' jkollha raguni biex tichad it-talba ghall-ghoti ta' licenzja mill-gdid imma tali raguni kellha tkun wahda "valida". Interessanti d-diskrepanza li hemm bejn it-test malti u t-test ingliz li jisposta l-enfasi mill-"validita'" tar-raguni ghal "irragonevolezza" taghha. It-test ingliz infatti jipprovdi illi "The licence shall not be unreasonably

refused". Id-differenza bejn it-test malti li jorbot u t-traduzzjoni ngliza, ma tistax tigi kwalifikata bhala *nuance* marginali u allura irrelevanti.

Din il-Qorti tikkonsidra fir-rigward:-

1) Li l-aggettiv "valida" fit-test malti jikkwalifika n-nom "raguni". L-Awtorita' kellha allura tkun f'posizzjoni li tiggustifika r-rifjut tat-talba ghall-hrug ta' licenzja gdida ghal raguni li tkun "valida". L-oneru ta' din il-prova posittiva tal-validita' tar-raguni kienet tispetta lill-Awtorita' inkwantu kienet element kostituttiv tad-decizjoni taghha li tirrifjuta t-talba.

2) Mill-banda l-ohra l-"unreasonableness" tar-rifjut hi necessarjament allegazzjoni da parti tad-detentur tal-licenzja ta' komportament negattiv u irragonevoli ta' l-Awtorita' fid-decizjoni taghha ta' rifjut. Tali prova kienet allura tispetta lil min jallega tali komportament, allura lid-detentur tal-licenzja.

3) Il-"validita" tar-raguni ghar-rifjut, ghalkemm indubbjament kienet timporta wkoll ir-ragonevolezza tar-raguni, kienet, fil-verita', tmur oltre dan. Dan l-attribut tad-decizjoni ta' l-Awtorita' kellu jkun imkejjel ukoll ma' diversi fatturi li kienu rilevanti ghall-hrug ta' licenzja mill-gdid lid-detentur ta' licenzja li tkun waslet biex tiskadi. Il-"validita'" tar-raguni

kellha mhux biss titkejjel fid-dawl tal-fatt li d-detentur kellu bil-ligi d-dritt li jigi moghti licenzja mill-gdid u li din setghet biss tigi rifjutata ghal raguni valida, imma wkoll kellha titkejjel fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li fuqhom l-Awtorita' kellha timxi fil-hrug ta' licenzja tax-xandir kif l-Att XII ta' l-1991 jesigi fl-art. 11 (1) (2) izda tenut kont li d-detentur ta' licenzja kellu jitqies li kien diga', fil-fehma ta' l-Awtorita', issodisfa dawn ir-rekwiziti meta din kienet fl-ewwel lok laqghet it-talba taghha ghall-hrug tal-licenzja originali.

4) Dan ifisser, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi r-raguni valida ghar-rifjut setghet biss torigina mill-apprezzament ta' l-Awtorita' li kienu intervenew fil-kors tat-thaddim tal-licenzja originali cirkostanzi serji li kienu jiggustifikaw ic-cahda tat-talba ghall-hrug ta' licenzja gdida. Altrimenti d-detentur kellu d-dritt kwezit li jinghata licenzja gdida. Din l-interpretazzjoni tidher kondiviza wkoll mill-Awtorita intimata li f'Memorandum tac-Chief Executive dwar it-tigdid ta' licenzji ghax-xandir, datat 16 ta' April, 1999, redatt propju bhala bazi ghad-diskussjoni dwar it-tigdid tal-licenzji in kwistjoni, jinghad "Thus the presumption is that a licence should be automatically renewed unless there are certain valid and cogent reasons - which indeed must be reasonable – for withholding the renewal of a licence. The Broadcasting Act does not list such reasons but undoubtedly they may, to a certain extent, be presumed on a study of the provisions of the Act itself". Din hi

enuncjazzjoni sostanzjalment korretta tal-ligi li ghaliha kellha ssir din il-precizazzjoni ta' enfasi ghall-kaz taht ezami.

5) Filwaqt illi hu minnu illi s-subinciz 3 ta' l-art. 11 ta' l-Att XII ta' l-1991 japplika ghall-kazijiet kollha fejn l-Awtorita' tkun qed tohrog il-licenzja tax-xandir – allura anke ghall-kaz taht ezami, fejn, kif inghad, id-detentur ta' licenzja kien "qed japplika ghal licenzja ohra", u konsegwentement l-applikant li l-applikazzjoni tieghu tigi rifjutata seta' jappella quddiem din il-Qorti jekk jidhirlu li l-Awtorita' ma agixxietx skond ir-regoli tal-gustizzja naturali, jew li agixxiet b'manjiera grossolanament irragonevoli, jew li ddiskriminat minghajr raguni kontra tieghu, jew li kien hemm dewmien ta' mill-inqas erba' xhur mid-decizjoni ta' l-applikazzjoni tieghu, <u>fil-kaz tat-talba ghall-hrug ta' licenzja ohra</u> fit-termini tas-subinciz 11 ta' l-art. 10 ta' l-Att XII seta' wkoll isir rikors quddiem din il-Qorti biex jigi mistharreg jekk kienx minnu jew le illi talba simili kienet giet michuda <u>minghajr raguni valida</u>. Jidher ghalhekk illi fil-waqt illi fil-kaz ta' applikazzjonijiet ghal licenzji ghax-xandir li jsiru minn applikant li ma jkunx detentur ta' licenzja li tkun ser tiskadi, ma setghax isir appell biex tigi verifikata il-validita' tar-raguni li minhabba fiha giet rifjutata l-applikazzjoni, u tali raguni fiha nfisha kienet insindakabbli mill-Qorti, inkwantu r-rifjut seta' jigi biss assoggettat ghall-iskrutinju tal-Qorti jekk tokkorri wahda mir-ragunijiet elenkati mis-subinciz 3 ta' l-art. 11, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz ta' rifjut ta' applikazzjoni maghmula fit-termini

tas-subinciz 11 ta' l-art. 10. F'dan l-ahhar kaz ir-rifjut minghajr raguni valida kif espressament rikjest mil-ligi ikun necessarjament jimporta li d-decizjoni – anke jekk f'dan is-sens limitat - tkun ittiehdet "b'manjiera grossolanament irragonevoli".

Ghalhekk f'dan il-kaz l-istharrig gudizzjarju jsir mhux biss fuq kawzali bazata fuq is-subinciz 3 tal-artikolu 11 tal-Att XII tal-1991 imma wkoll u qabel xejn, fuq il-kawzali li l-azzjoni amministrattiva kienet tmur b'xi mod kontra l-ligi espressa.

**<u>DISTINZJONI VOLUTA</u>**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din id-distinzjoni hija wahda voluta mil-legislatur proprju ghaliex ried jipprotegi bis-shih il-principji tal-liberta' ta' espressjoni u pluralizmu bhala l-principji bazici li jirregolaw l-ghoti ta' licenzji ghas-servizzi tax-xandir f'Malta. Il-legislatur jippremetti illi una volta tinghata licenzja tax-xandir mill-Awtorita' ghal zmien specifikat, id-detentur kellu jithalla jopera skond dik il-licenzja f'liberta' shiha u minghajr it-theddida illi seta' jitlef id-dritt tieghu li jxandar semplicement billi l-Awtorita' tirrifjuta li taghtih licenzja ohra meta tiskadi dik in corso bla ebda raguni valida. Dik it-theddida wehidha kienet kieku titqies bhala intralc gravi fid-dritt tal-liberta' ta' espressjoni li setghet ukoll f'certi cirkostanzi tikkondizzjona l-kontenut tax-xandir. Kien proprju ghalhekk

illi l-legislatur ippreskriva illi una volta tinghata licenzja tax-xandir, id-detentur taghha kellu l-jedd li din tigi segwita b'licenzja ohra li tassiguralu l-kontinwita' u li dan id-dritt seta' jitilfu biss minhabba "raguni valida".

Rilevanti dan it-taghlim gurisprudenzjali dwar l-insenjament espress f'gudikati in materja mill-Qorti Ewropeja riferibbilment ghall-artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem :- "The Court has acknowledged that the limited nature of the radio spectrum requires the regulation of television and the radio in a way distinct from other sectors of the media but it has said that this power is not to be exercised for other than technical purposes and not in a way which interferes with freedom of expression (unless the interference can be justified under article 10(2)). In the Groppera case (A173 para 621 1990) the Court said :- "….. the purpose of the third sentence of article 10(1) of the Convention is to make it clear that States are permitted to control by alicensing system the way in which broadcasting is organised in their territories particularly in its technically aspects. It does not however provide that licensing measures shall not otherwise be subject to the requirements of article 10(2) for that would lead to a result contrary to the object and purpose of article 10 taken as a whole." ……"While the Convention may provide some protection against the application of excessively onerous terms in licences, it may prove less

effective in insuring that decisions about whom to license are not made in ways which prejudice the right of expression under article 10. Accordingly while the danger that the prospect of non-renewal of a license might influence the content of a broadcaster's programmes is all too easy to envisage, the possibilities of a remedy under the Convention are remote." (If the determination of a civil right is involved than the national licensing decision would fall within article 6(1))." (Harris O'Boyle and Warbrick The Law of the European Convention on Human Rights pages 383 et seq).

L-Att 12 tal-1991 f'dan ir-rigward allura saggjament jipprovdi fren kontra l-possibbilita' ta' abbuz amministrattiv jew ingerenza indebita tal-Istat jew ta' Awtorita' kompetenti tieghu fid-dritt tal-liberta' ta' espressjoni. Dan billi jezigi illi d-detentur ta' licenzja jkollu l-jedd ghal-licenzja ohra li setghet tigi biss rifjutata ghar-raguni valida u li l-validita' ta' tali raguni setghet tkun gudizzjarjament mistharrga. Dan proprju ghaliex l-ghoti tal-licenzja u t-tehid taghha seta' jkun ikkwalifikat bhala "the determination of a civil right".

## RAGUNI VALIDA

Jibqa' x'jigi konsidrat jekk fil-kaz taht ezami jistax jinghad illi l-Awtorita', kellha kif qed tippretendi hi, raguni valida biex tichad l-applikazzjoni tas-

socjeta' rikorrenti ghal-licenzja ohra. Il-Qorti ser tezamina diversi aspetti ta' din il-kwistjoni kif jirrizultaw mill-atti u mill-provi biex tikkonduci l-analizi taghha halli tiddetermina jekk setax jitqies illi r-rifjut tal-applikazzjoni da parti tal-Awtorita' ghall-hrug ta' licenzja ohra kien bazat fuq raguni valida. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Awtorita' illi d-decizjoni taghha fuq it-talba quddiemha "biex tkun konformi mal-artikolu 10(12) tal-Att trid tkun ibbazata fuq l-istess res gestae li kienu gew prezentati quddiem l-Awtorita' mill-appellant u mhux fuq fatti godda li qatt ma ngabu a konjizzjoni tal-Awtorita' waqt l-ipprocessar tal-applikazzjoni tat-tigdid u li l-Awtorita' saret taf bihom biss ghall-ewwel darba fil-mori tal-proceduri tal-odjern appell – provi li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta in kwantu mhumiex materjali jew rilevanti sabiex hija tissindika jekk l-Awtorita' haditx id-decizjoni taghha fuq ir-res gestae li kellha quddiemha b'mod ragjonevoli". Dan hu guridikament korrett anke jekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Awtorita' tax-Xandir f'materja daqstant delikata u sensittiva ghall-jedd fondamentali tal-espressjoni ma kellha qatt tkun rigida fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha u kellha tkun dejjem aperta biex tinvestiga sitwazzjonijiet godda li jiffavorixxu l-kontinwita' u l-pluralizmu fix-xandir. Kellha allura dejjem tkun propensa illi, fil-limiti tal-possibbli u bid-debiti salvagwardji, fl-ezercizzju tal-kompetenzi kostituzzjonali u legali taghha, tiffavorixxi x-xandir kontinwat minn detentur ta' licenzja sakemm ma tkunx verament tokkori dik ir-raguni valida li tostakola tali dritt.

Dan qed jinghad proprju ghaliex din il-Qorti tifhem illi r-raguni valida li setghet twassal lill-Awtorita' biex tirrifjuta l-ghoti ta' licenzja mill-gdid filwaqt li certament, kif sottomess mill-istess Awtorita' kellha tirrifletti l-kundizzjonijiet li fuqhom kellha timxi l-Awtorita' fil-hrug ta' kull licenzja tax-xandir, kif espressi fl-artikolu 11 tal-Att XII tal-1991, kellha wkoll tinvesti c-cirkostanzi fattwali, pozittivi u negattivi, li fihom ikun sab ruhu id-dententur ta' licenzja u li fihom ikun opera jew ma operax fiz-zmien tad-dekorriment tal-licenzja originali. Fil-fehma ta' din il-Qorti kienet il-funzjoni tal-Awtorita' tax-Xandir qabel xejn li tassigura fil-prattika l-principji bazici tal-liberta' tal-espressjoni u pluralizmu fuq kollox billi ma taghmel xejn li b'xi mod jista' jigi interpretat bhala ostakolu lid-detentur ta' licenzja li jkompli jxandar, jittrasmetti u jwassal il-fehmiet tieghu b'mod hieles. Id-decizjoni tal-Awtorita' li tilqa' jew tichad talba ghall-hrug ta' licenzja ohra mitluba minn detentur ma setghetx u ma kellhiex tittiehed in vacuo imma kellha tittiehed b'konoxxenza shiha tar-rejaltajiet attwali li tahthom l-istess detentur ikun qieghed jiggestixxi l-licenzja li kellu.

Hemm cirkostanzi normali li ghalihom kienu japplikaw konsiderazzjonijiet normali, delinejati mill-istess Awtorita' u li dwarhom din il-Qorti ftit ghandha riservi. Hemm pero' imbaghad cirkostanzi anormali bhal ma huma dawn fil-kaz taht ezami li ghalihom kienu

indikati konsiderazzjonijiet differenti proprju ghaliex id-detentur ikun gie kontra r-rieda tieghu imgieghel jieqaf ghal xi zmien milli jxandar. Hu car illi meta jirrizulta lill-Awtorita' illi d-detentur ta' licenzja ma jkunx baqa' jxandar mhux minhabba xi htija tieghu imma minhabba li kien il-vittma ta' aggressjoni vjolenti, li l-movent taghha baqa' mhux stabbilit kif lanqas gew identifikati l-persuni responsabbli ghall-att kriminuz, kien ovvju li ma setghux japplikaw ghal dan il-kaz l-istess konsiderazzjonijiet li kienu japplikaw f'kaz fejn id-detentur kien waqaf li jxandar ghar-ragunijiet imputabbli ghalih jew li kienu b'xi mod jiddependu minnu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja jew alternattiva, l-Awtorita' kienet tkun gustifikata illi tifhem illi l-hruq kriminuz minn terzi njoti ma kien xejn hlief tentattiv biex jigi msikket l-istazzjon immexxi mis-socjeta' rikorrenti u allura kien attakk dirett kontra l-esercizzju tal-jedd fondamentali tal-liberta' ta' espressjoni u tal-pluralizmu fix-xandir li l-istess Awtorita' kellha l-funzjoni primarja li tipprotegi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti hu fl-isfond ta' din il-konsiderazzjoni illi kellha titkejjel id-decizjoni tal-Awtorita' jekk ir-raguni ghac-cahda tat-talba ghal licenzja ohra <u>fil-mument li ttiehdet </u>kienitx valida jew le. Din ic-cirkostanza singolari kienet timponi fuq l-Awtorita' li taghti l-akbar konsiderazzjoni lill-principju fondamentali tal-liberta' ta' espressjoni u pluralizmu fix-xandir li taghhom hi l-garanti kostituzzjonali u kellha tassigurah qabel kull konsiderazzjoni ohra specifika li hi kellha taghmel

fl-ezami tat-talba tas-socjeta' rikorrenti fit-termini tas-subinciz 2 tal-artikolu 11 tal-istess Att. Fil-fehma ta' din il-Qorti hu proprju hawn illi r-raguni ghac-cahda tat-talba ghall-ghoti tal-licenzja gdida kienet tippekka. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tikkonsidra ulterjorment :-

(a) Jidher li inizjalment il-posizzjoni tal-Awtorita' kienet illi una volta r-Radju Live FM kien temm hesrem ix-xandir tieghu fl-24 ta' Jannar 1999 wara li kien il-vittma ta' hruq kriminuz, dak l-istazzjoni kien in vjolazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-licenzja tieghu <u>bil-fatt biss</u> li kien issospenda t-trasmissjonijiet. Jidher li l-Awtorita' mxiet fuq il-parir tal-konsulent legali taghha illi "l-posizzjoni fil-ligi hija li l-waqfien fix-xandir da parti tar-radju hija gja' ksur tal-ligi u hija responsabbilita' tal-istess radju li jara li jkun f'posizzjoni li jkollu l-finanzi mehtiega biex ikompli jxandar. Il-fatt li waqaf ixandar huwa gja' fih innifsu ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja u ma jistax il-proprjetarju juza l-argument li kien hemm incident serju biex ma jaghmilx dak kollu li hu mehtieg biex ix-xandir jitkompla." Din l-analizi guridika klinika tista' tkun korretta u sostenibbli f'cirkustanzi normali. Ma setghetx pero' tittiehed bhala assjomatika u certament ma kienitx tregi fejn il-waqfien fix-xandir ikun stabbilit li zgur sar b'konsegwenza tal-att kriminuz ta' terzi u meta ma setax jigi eskluz illi tali att kriminuz kien motivat appozitament biex jikkomprometti d-dritt tad-detentur tal-licenzja li jibqa' jezercita l-jeddijiet fundamentali tieghu anke in relazzjoni mal-kontenut tal-programmi minnu mxandra. Fil-verita' l-Awtorita' kienet

konxja minn din il-problematika tant illi, waqt li segwiet il-parir tal-konsulent legali taghha u effettivament skonnettat l-istazzjoni Live FM minn fuq il-Master Antenna fil-21 ta' Gunju 1999 appena biss hames xhur mid-data minn meta sar il-hruq doluz, l-istess Awtorita' baqghet pero' tikkorispondi mas-socjeta' rikorrenti wara li din kienet ghamlet talba fit-28 ta' Lulju 1999 biex tinghata licenzja gdida wara li tiskadi dik kurrenti. Fic-cirkustanzi hi l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti illi l-Awtorita' kienet fl-obbligu illi qabel tikkunsidra finalment u tiddeciedi dwar it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-hrug tal-licenzja l-gdida, anke bil-konsiderazzjoni ta' dak previst fis-subinciz 2(a) tal-artikolu 11, li timponi terminu ragjonevoli li fih dik is-socjeta' kellha tiddikjara qabel xejn jekk kienitx f'posizzjoni teknikament illi tipprovdi s-servizz ta' xandir tal-livell mistenni u mixtieq.

Din il-Qorti hi sodisfatta illi l-esperjenza li ghaddiet minnha s-socjeta' rikorrenti kienet wahda trawmatika, finanzjarjament devastanti li inkapacitat l-istazzjoni b'mod assolut. Kienet sitwazzjoni li tirrikjedi zmien u rizorsi biex wiehed jirkupra minnha almenu sal-limitu razenti in-normalita'. Dan hu aktar minn ovvju mill-korrispondenza ezebita in atti u l-provi juru li soluzzjonijiet setghu kienu accessibli pero' kienu jirrikjedu z-zmien biex jimmaturaw. Dak iz-zmien ragjonevoli, anke jekk f'terminu determinat impost mill-Awtorita', kellu fil-fehma ta' din il-Qorti jigi akkordat lis-socjeta' rikorrenti u l-fatt illi dan ma nghatax kien jirrendi r-

raguni ghac-cahda tat-talba ghall-ghoti tal-licenzja gdida bhala wahda mhux valida fit-termini tas-subinciz 12 tal-artikolu 10 tal-Att dwar ix-Xandir. Kif inghad il-prova tal-validita' tar-raguni ghar-rifjut kellha ssir mill-Awtorita'. Fil-kaz taht ezami l-Qorti ma hiex accertata li dan l-oneru gie adegwatament sodisfatt.

Din il-Qorti allura tasal ghall-konkluzzjoni illi :-

(a) Kienet korretta illi l-Awtorita' intimata meta ddecidiet illi l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ma kienitx f'posizzjoni illi xxandar kien f'dak il-mument ostakolu dirimenti ghall-ghoti tal-licenzja l-gdida.

(b) Ma kienitx korretta pero' meta naqset illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz taghti terminu ragjonevoli u adegwat lis-socjeta' rikorrenti biex fih tassigura li tkun f'posizzjoni illi toffri s-servizz tax-xandir skond il-licenzja l-gdida minnha mitluba.

(c) Ma jidher li hemm xejn fl-Att numru XII tal-1991 li jimpedixxi lill-Awtorita' milli takkorda terminu bhal dan qabel ma tiddeciedi finalment fuq it-talba tas-socjeta' rikorrenti.

Il-Qorti finalment tikkonsidra s-segwenti :-

(a) Minn ezami tal-korrispondenza sottomessa mill-kontendenti u mill-provi prodotti jidher li l-Awtorita' naqset li tikkonsidra bhala element rilevanti ghall-fini tad-decizjoni taghha l-fatt li s-socjeta' rikorrenti kienet waqfet ix-xandir b'konsegwenza ta' hruq doluz tal-istazzjon minnha mmexxi. L-Awtorita' jidher li nnotat il-fatt imma ma kkunsidratux bhala element ta' importanza li kellu jinfluwixxi d-decizjoni taghha intiza bhala att ta' salvagwardja tal-principji tal-liberta' ta' espressjoni u pluralizmu. Ghall-Qorti dan l-element kien determinanti ghax kellu jwassal lill-Awtorita' biex ma tiddecidiex li tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti meta effettivament cahditha.

(b) Il-Qorti tqis ukoll illi kieku s-socjeta' appellanti kienet f'posizzjoni illi topera l-istazzjon taghha u titrasmetti skond il-licenzja illi hi gja' kellha, l-oggezzjonijiet illi kellha l-Awtorita' u li elenkathom bhala ragunijiet addizzjonali ghaliex ma kellhiex takkorda licenzja ohra kienu jidhru f'dawl iehor u setghu jew jitqiesu u ma kienux ta' gravita' tali li jimmeritaw l-imposizzjoni tas-sanzjoni massima tat-telf tal-licenzja jew kienu jindikaw il-htiega ta' kundizzjonijiet addizzjonali, forsi iktar iebsin, ghall-hrug tal-licenzja l-gdida mitluba.

Minn dan, u mir-ragunijiet ta' rifjut ghat-talba ghall-hrug ta' licenzja gdida aktar 'il fuq riportata, hu car illi dak li ddetermina d-decizjoni tal-Awtorita' b'mod inekwivokabbli kien il-fatt illi l-istazzjon kien ghamel diversi xhur

wieqaf meta l-Awtorita' kienet tippretendi li una volta stazzjon inghata licenzja dan kellu jittrasmetti regolarment u l-fatt illi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija ma kienitx tali illi tassigura stabbilita' ekonomika. Dana kollu principalment minhabba l-konsegwenzi gravi illi sofra l-istazzjon wara l-hruq. Ma hu xejn car mill-ittra jekk l-Awtorita' kienitx tqis it-tielet raguni fir-rigward tal-"past track" record tal-istazzjon, wehidha u indipendentement mill-ewwel zewg ragunijiet, bizzejjed biex tiggustifika li l-istazzjon ma jinghatax licenzja gdida ghal raguni valida.

(d) Il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li ulterjorment tapprofondixxi f'dibattitu dwar l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Awtorita' u jekk din agixxietx fil-limiti tas-subinciz 3 tal-artikolu 11 tal-Att, una volta kienet waslet ghall-konkluzzjoni illi d-decizjoni tal-Awtorita' ma setghetx fil-fehma taghha tkun sostnuta in kwantu li, f'kull kaz, ma kienitx giet motivata b'raguni valida skond kif rikjest fis-subinciz 11 tal-artikolu 10. F'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva li r-riferenzi kopjuzi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' ghall-gurisprudenza u kazistika Ingliza dwar il-limiti tad-diskrezzjoni ezercitata minn Awtorita' amministrattiva u sa fejn din setghet tigi sindakata mill-Qrati kienu ferm pertinenti pero' mhux f'dan l-istadju tal-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni tas-socjeta' appellanti. Kienu jkunu hekk rilevanti meta u jekk l-Awtorita' tasal biex tikkonsidra l-istess applikazzjoni f'cirkostanzi "normali" li fihom is-socjeta' rikorrenti tkun jew kellha tkun materjalment f'posizzjoni li

xxandar. Tillimita ruhha biss f'dan ir-rigward ghad-dikjarazzjoni li mill-provi quddiemha ma jirrizultax :-

(i) Li l-Awtorita' agixxiet mhux skond ir-regoli ta' gustizzja naturali. Dan ma giex allegat mis-socjeta' appellanti.

(ii) Li agixxiet b'manjiera grossolanament irragjonevoli. Dan gie allegat mis-socjeta' appellanti. Din il-Qorti ssib li dan l-element jirrizulta provat biss fis-sens illi l-Awtorita' ddecidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni tas-socjeta' appellanti fil-mument meta rrifjutatha minghajr raguni valida. Hemm mill-banda l-ohra indubbjament diversi fatturi li setghu altrimenti jissufragaw ir-ragjonevolezza tad-decizjoni tal-Awtorita' izda dwar dan il-Qorti jidhrilha li kellha tirriserva l-gudizzju taghha ghal indagini ulterjuri jekk ikun il-kaz fi stadju iehor u fi proceduri ohra.

(iii) Li l-Awtorita' ddiskriminat minghajr raguni kontra s-socjeta' appellanti. Dan ukoll gie allegat minnha pero' ma tirrizulta l-ebda prova in sostenn ta' din il-premessa li ma jidhirx li giet moghtija l-attenzjoni debita f'dan il-process da parti tas-socjeta' appellanti.

(iv) Li l-applikazzjoni kienet ilha pendenti aktar minn erba' xhur. Anke dan ma giex allegat mis-socjeta' appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti hekk tiddeciedi r-rikors :-

(a) Tilqa' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Grima Communications Limited u ghalhekk tirrevoka u thassar id-decizjoni ta' l-Awtorita' appellata kontenuta fl-ittra taghha tal-25 ta' Novembru, 1999, u dana fis-sens biss illi d-decizjoni tal-Awtorita' appellata li tirrifjuta l-applikazzjoni ghall-ghoti tal-licenzja gdida tar-radju Live FM Radio ittiehdet minghajr raguni valida <u>fil-mument meta ttiehdet</u>. Dan ghaliex ma haditx konsiderazzjoni tal-fatt illi s-socjeta' appellanti fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kellha tinghata zmien adegwat u ragjonevoli li fih tkun tista' tirripristina l-facilitajiet mehtiega biex tkun tista' tkompli topera l-licenzja. Fi zmien li kellu jkun determinat fid-diskrezzjoni ta' l-istess Awtorita' u fl-ezercizzju tal-funzjonijiet lilha fdati bil-Kostituzzjoni u bil-ligi u tenut kont tar-rejalta' li n-numru ta' licenzji ghal xandir bir-radju fuq it-territorju nazzjonali kien limitat u li ghalhekk ma jkunx ragjonevoli li xi licenzja tithalla mhux utilizzata indefinittivament jew ghal zmien inordinatament twil.

(b) Konsegwentement il-Qorti tqis illi s-socjeta' appellanti kellha titqieghed fl-istess posizzjoni li kienet fil-mument qabel ittiehdet id-decizjoni tal-Awtorita' bl-ittra datata 25 ta' Novembru 1999 u lilha notifikata fit-12 ta' Dicembru tal-istess sena. B'dan li l-Awtorita' kellha tibqa' tipprocessa l-applikazzjoni tas-socjeta' appellanti ghal licenzja

ohra fit-termini tas-subinciz 11 tal-artikolu 10 tal-Att XII tal-1991 u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi ghal din id-decizjoni.

L-ispejjez tal-appell stante n-novita' tieghu kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm